II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/212

tat-3 ta' Novembru 2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien dwar l-aċċess għas-servizzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti marbuta mad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-settijiet tad-*data* dwar l-aċċess għas-servizzi.

(2) Is-suġġetti dettaljati dwar "L-użu ta' servizzi, inkluż servizzi tal-kura u servizzi għal għajxien indipendenti"; "Affordabbiltà tas-servizzi"; u "Ħtiġijiet mhux issodisfati u raġunijiet" jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa mis-Semestru Ewropew, mill-Istrateġija dwar il-Kura Ewropea u mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jipprovdu wkoll informazzjoni għal diversi politiki oħra tal-UE marbuta mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-faqar.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-rigward tas-settijiet tal-varjabbli dwar l-aċċess għas-servizzi huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-għadd u t-titli tal-varjabbli ta' kull sitt snin dwar l-aċċess għas-servizzi fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

Modulu	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Aċċess għas-servizzi	Użu tas-servizzi, inkluż servizzi tal-kura u servizzi għal għajxien indipendenti (disa' varjabbli miġbura)	HC190	Preżenza ta' nies li jeħtieġu għajnuna minħabba problemi ta' saħħa fiżika jew mentali ta' saħħa fit-tul, infermità jew minħabba x-xjuħija, fl-unità domestika
		HC200	Servizzi ta' kura professjonali pprovduta fid-djar
		PC280	Frekwenza tal-użu tat-trasport pubbliku
		PC310	Intitolament għall-benefiċċji tal-qgħad
		PC320	Intitolament għall-benefiċċji tal-mard
		PC330	Tħossok diskriminat(a) meta tkun f'kuntatt ma' uffiċini amministrattivi jew ma' servizzi pubbliċi (inkluż iċ-ċentru tal-impjiegi, is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali)
		PC340	Tħossok diskriminat(a) meta tfittex akkomodazzjoni
		PC350	Tħossok diskriminat(a) fl-edukazzjoni
		PC360	Tħossok diskriminat(a) fi spazji pubbliċi (ħwienet, kafetteriji, ristoranti, faċilitajiet ta' divertiment eċċ.)
	Affordabbiltà tas-servizzi (ħames varjabbli miġbura)	HC221	Pagament għas-servizzi ta' kura professjonali fid-djar
		HC230	Affordabbiltà tas-servizzi ta' kura professjonali fid-dar
		HC300	Piż finanzjarju tat-trasport pubbliku
		RC370	Pagament għas-servizzi tal-indukrar formali tat-tfal
		HC040	Affordabbiltà tas-servizzi għall-indukrar formali tat-tfal
	Ħtiġijiet mhux issodisfati u raġunijiet (ħames varjabbli miġbura)	HC240	Ħtiġijiet mhux issodisfati għas-servizzi ta' kura professjonali fid-djar
		HC250	Raġuni ewlenija għaliex ma tirċevix (iktar) servizzi ta' kura professjonali fid-djar
		RC380	Ħtiġijiet mhux issodisfati għas-servizzi tal-indukrar formali tat-tfal
		RC390	Raġuni ewlenija għaliex ma tużax (aktar) servizzi tal-indukrar formali tat-tfal
		PC290	Raġuni ewlenija għaliex it-trasport pubbliku ma tużahx regolarment